**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 33/2023/1**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Bojan Ivanovikj**

**Illum, 5 ta' Settembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Bojan Ivanovikj** detenur tal-karta tal-identita Maltija **0317779A** , akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-15 ta' Jannare 2023, u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi zminijiet differenti izda li jkisru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'rizoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lis-siehba tiegħu u ċioe Roberta Myler, fastidju għal iktar minn darba u ġab ruhu b'mod li kien jaf li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għas-siehba tiegħu Michelle Ryle (sic).
2. Uza vjolenza inkluz vjolenza morali u jew psikologika u jew sfurzar sabiex iġiegħel tagħmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jagħmel xi haġa jew sabiex inaqqas

l-abilitajiet jew izola jew illimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-detriment tas-siehba tiegħu u ċioe Roberta Myler.

3. Ikkaġuna lis-siehba tiegħu u ċioe Robert Myler biza li tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta tagħha jew il-propjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha.

4. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lis-sieħba tiegħu Roberta Myler.

5. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

6. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurja u/jew hedded lis-sieħba tiegħu Roberta Myler bi kliem.

U aktar talli matul ix-xahar ta' Diċembru 2022 ġewwa Lincoln Court, Flat 6, Triq il-Gifen, San Pawl il-baħar

7. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor u ċioe mobile phone tal-għamla Apple iphone 13, propjeta tas-siehba tiegħu Roberta Myler u liema ħsara tammonta għal elf u tmenin Euro (€1080)

U aktar talli fil-15 ta' Jannar 2023 bejn il-hinijiet ta' 11:15am u s-7:00am ġewwa Triq Luigi Preziosi Bugibba, San Pawl il-baħar

8. Volontarjament hassar jew għamel hsara jew għarraq hwejjeġ haddiehor u ċioe vettura tal-għamla Mazda Demio ta' lewn ahmar b'numru ta' reġistrazzjoni DCJ 424, propjeta tas-sieħba tiegħu Roberta Myler, u liema hsara tammonta għal sitt elef, tlett mija u sebgħin euro (€6370)

U aktar talli fil-lejl ta' bejn l-14 ta' Jannar 2023 u l-15 ta' Jannar 2023, bejn il-ħinijiet ta' 16:30hrs u l-1:00hrs barra l-istabbiliment "Gourmet Bar & Grill" ġewwa Triq il-Hġejjeġ Bugibba, San Pawl il-Baħar

9. Għad ill kien xurban, qal li fil-pubbliku xi kliem oxxejn jew indiċenti jew għamel atti jew ġesti oxxeni jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, offend ail-morali, l-imġieba xierqa jew id-diċenza pubblika.

10. Volontarjament kiser il-paċi pubblika u/jew il-bon-ordni b'għajjat u/jew ġlied.

11. F'lok pubbliku jew miftuh għall-pubbliku kien fis-sakra b'mod li ma kienx kapaċi jieħu ħsieb tiegħu innifsu.

12. Bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħsieb xeħet ilma, jew ħwejjeġ oħra mahlula jew ħmiġijiet fuq is-sieħba tiegħu Roberta Myler.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Bojan Ivanovikj a benefiċċju ta' Roberta Myler u l-familjari tagħha u dan fit-termini Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba f'kaz ta' htija biex tipprovdi għall-persuna ta' Roberta Myler u l-familjari tagħha jew sabiex jinzamm bil-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena

applikabbli għar-reat rabtet lil Bojan Ivanovikj b'obbligazzjonijiet tiegħu innifsu that penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll li f'kaz ta' ħtija mibarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, ordnat lill-imsemmi Bojan Ivanovikj sabiex ihallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikoli 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Awwissu,2023, fejn sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha detotti kontra tiegħu, b'dan li fir-rigward tal-imputazzjoni numru 8, l-ammont tal-hsara huwa ta' tlett elef u tminn mitt Euro (€3,800) u mhux ta' sitt elef, tlett mija u sebgħin Euro (€6370).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Bojan Ivanovikj, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Settembru ,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

- **TIKKONFERMA** s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu, (b'dan li fir-rigward tal-imputazzjoni numru 8, l-ammont tal-ħsara huwa ta' tlett elef u tmien mitt Euro (€3,800) mu mhux ta' sitt elef, tlett mija u sebgħin Euro (€6370)
- **TIRREVOKAHA** in kwantu għall-piena inflitta u dan billi timpani piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-kaz odjern.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

**A. <u>Piena Erogata</u>**

Illi l-appellant, qed jinterponi dan l-umli appell mill-piena kontra tiegħu, BISS, fejn jilmenta illi priġunerija effettiva hekk kif mposta fuqu minn l-Ewwel Onorabbli Qorti

hija waħda ċertament sproporzjonata u eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanza. Fl-ewwel lok l-Ewwel Qorti, minkejja li semmietha fil-konsiderazzjonijiet tagħha meta ġiet biex teroga l-piena, skartat b'mod totali l-fatt illi l-appellanti għandu kondottta netta, u li din kienet l-ewwel darba li huwa xelllef dufrejh mal-ġustizzja. Inoltre, jidher ċar kemm illi l-appellant donnu li għandu bzonn ftit għajnuna u xejn aktar u zgur li 4 snin priġunerija mhux ħa jkunu ta ebda ġid għalih. Filfatt, anke ix-xhieda ingunti *in difesa* senjatament Nicole Saliba l-*care plan co-ordinator* u anke l-Uffiċjal tal-Probation, irrizulta ċar illi l-appellant mhux persuna li postha l-ħabs. Illi dan qed jingħad ukoll in vista tal-fatt illi matul il-proċeduri, l-appellanti qatt ma ġie konċess il-benefiċċju tal-ħelsien minn l-arrest, minkejja li l-akkuzi miġjiba kontrieh mhux tali li jiġġustifikaw z-zamma tiegħu, sa mid-data tal-prezentata.

Di piu, għal bosti drabi l-Qrati nostrana saħqu fuq il-bzonn ta' piea li għandha tkun mazz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena.

Illi d-deċizjonijiet tal-Qrati tagħna jkomplu jisħqu fuq l-importanza tal-aspett riformattiv, aktar milli dak retributive, u dan anke' fil-konfront ta' imputati illi ġew denunzjati u kienu maħkuma sew mill-vizzju tad-droga. FDil-Kawza bl-*ismijiet Il-Pulizija vs Daniel Sapiano, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-erbngħa u għoxrin (24) ta' April, tas-sena elfejn u sbatax (2017),* il-Qorti tenniet is-segwenti:

Rat li matul is-seduta tal-14 ta' Diċmebru 2016 il-Probation Officer Svetlana Bezzina ipprezentat ir-rapport tagħha minn fejn jirrizulta li limputat kienu jeħtieġlu li jkun taħt supervizjoni u li jkollu element ta' deterrent fil-forma ta' sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiza tagħha. Apparti minn hekk pero jirrizulta li l-istess Uffiċjal tal-Probation, birraġun, tenniet li jkun ta' ġid għall-imputat li huwa jsegwi program re4sidenzjali ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuz mid-droga nonce li jsib l-għajnuna tas-servizz offrut mill-Fondazzjoni għall-vittmi tal-uzura.

Aktar minn hekk hija tenniet li jkun ukoll ta' ġid għall-imputat li huwa jingaġġa ruħu f'impjieg li jirrendilu paga stabbli u li ma joffrilux opportunita faċli għal imġieba qarrieqa. Fil-verita tqis li l-imputat għandu jħallas għal egħmilu b'sentenza ta' priġunerija, b'mod partikolari għaliex tradixxa lil min kien iħadmu u jtih il-ħobza ta' kuljum, Mill-banda l-oħra hemm element imsemmi fil-konkluzjonijiet u r-

rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation li ma humiex ta' min jiskartahom. Il-piena tal-imputatma għandhiex tkompli izzid mal-piena li sofrew il-vittmi. Il-Qorti trid li l-imputat jegħleb il-vizzju tal-abbuz mid-droga, billi jagħmel program ta' rijabilitazzjoni fil-forma residenzjali tiegħu.

Għal dan il-għan ukoll huwa ser jiġi mpoġġi taħt l-Ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliett snin u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament. Il-Qorti tixtiequ li huwa b'hell jibda jibni ħajtu mill-ġdid. Dan jista' jagħmlu biss bil-bzulija u mhux bl-għazz, serq jew frodi. Irid jaħdem bħal ma jagħmlu l-kumplament taċ-ċittadini onesti. Irid iħallas dejnu mal-vittma. Irid iħallas dejnu mas-soċjeta wkoll billi, wara li jkun għamel il-perkors rijabilitattiv mill-vizzju tal-abbuz mid-droga b'suċċess huwa jwettaq għadd ta' siegħat ta' xogħol fil-komunita. Huwa għandu perjodu ta' sentejn li fihom jista' jwettaq dan ix-xogħol.

Il-Qorti tqis li dan huwa perjodu bizzejjed biex l-imputat iwettaq din ir-riforma importanti f'ħajtu. Jekk jimxi ma din it-triq il-piena ta' priġunerija li sejjer ikun suġġett għaliha tibqa' sospiza fuq rasu. Jekk ma jimxix ma' din it-triq, il-piena ta' priġunerija ikollu jiskontah. L-għazla hija f'idejh.

Inoltre', fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marica Muscat**, deciza nhar it-tnax (12) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-Qorti wkoll tenniet illi l-imputat kellu jingħata opportunita' jirrabilita, milli jintbgħat il-ħabs.

Illi meta tiġi biex tqis il-piena li għandha tiġi nflitta l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-imputata hija reċidiva kif fil-fatt tinsab akkuzata fl-aħħar zewġ imputazzjonijiet fosthom illi hija kisret il-provvediment impost fuqha permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-14 ta' Jannar 2008 f'liema sentenza hija ġiet illiberata bil-kundizzjoni li ma tikkomettiex reat ieħor fi zmien sentejn. L-imputata fil-fatt irnexxielha tikser dina l-kundizzjoni filwaqt li kienet tinsab tiskonta sentenza ta' priġunerija ġewwa l-habs. Illi ma hemmx dubbju illi l-imputata għandha problema serja ta' droga u li qatt ma għarrfet tindirizza dina l-problema.

Filfatt hija ma irnexxilhiex tindirizza dina l-problema lanqas meta kienet il-ħabs, anzi baqgħet tabbuza mis-sustanza anke filwaqt li kienet inkarċerata. Il-Qorti għalhekk ma tarax illi piena karċerarja effettiva ser twassal għar-riforma ta' l-imputata.

Għalhekk l-Qorti ser tagħti lill-imputata l-aħħar opportunita' biex tindirizza dina l-problema serja u ser tordna l-ħruġ tal-Ordni mta' Probation fil-konfront tagħha bil-kundizzjoni illi hija issegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u li tiehu il-kura kollha li għandha bzonn għall-problemi psikjatriċi illi għandha.

Nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju,2018, il-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-appell bl-ismijiett **Il-Pulizija v. Nathan Cooper**, tenniet fis-segwenti:

Illi b'eċċezzjonijiet għall-prinċipju li din il-Qorti normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni f'data f'idejn il-Qorti tal-ewwel grad, hemm l-hekk imsejhga window of opportunity li l-Qrati tagħna għarfu jisfruttaw f'sitwazzjonijiet fejn konferma ta' piena karċerarja tista' ma tkunx gl-aħjar interess sia tal-imputat kif ukoll tas-soċjeta' meta l-imputat jipprezenta ruhu bħala bniedem reformat jew almenu miexi sewwa f'dik id-direzzjoni bil-prospettiva li jerġa' jsir ċittadin denju u affidabbli fis-soċjeta'.

Simili tad-deċizjoni appena ċitata, il-Qorti tal-Appell Kriminali, kienet diġa' ppronunzjat ruħha f'dan is-sens fid-deċizjoni ta' denunzja **Il-Pulizja v. Shalon Abela,** mogħtija nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru, 2017 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn il-Qorti għamlet ezami profound tas-sitwazzjoni tad-denunzjat, u filwaqt illi kkundannatu għal terminu ta' priġunerija sospiza, l-istess Qorti ordnat illi d-denunzjat kellu jerġa' jitqiegħed that Ordni ta' Probation ohra sabiex jerġa' jinghata l-għajnuna biex jirrabilita ruhu.

Illi din il-Qorti hadet dan iz-zmien kollhu sabiex tkun tista' ssegwi aħjar l-andament tal-imputat matul dan iz-zmien u tkun tsita' twiezen l-imġieba tiegħu wara li jkun ingħata kull opportunita fit-tul, biex tassew jiddeċiedi li jbiddel ir-rotta għan-nizla li qabad f'ħajtu, tenut kont ukoll ta' l-eta tiegħu (23 sena) meta ngħatat is-sentenza.

Illi din il-Qorti kienet iddeċidiet illi titratta mal-imputat, tenut kont il-fedina penali refrattarja tiegħu, bil-għan illi flok ma jispiċċa jgħaddi zmien fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordim, illi f'dan il-kaz jidher li tali permanenza ma kinitx qed tkun ta' detterent jew

ta' xi benefiċċju għall-imputat, jingħata opportunita oħra biex jbiddel ħajtu għall-aħjar.

Illi mid-diversi noti dwar l-andament rtal-imputat, jirrizulta li l-imputat mhux qiegħed jiehu din l-opportunita' bizzejjed bis-serjeta, tant li jagħmel zmien ma jobdix ir-regoli u l-istruzzjonijiet mogħtija lilu, jagħmel zmien jirranġa l-imġieba tiegħu u mbagħad jerġa' lura għall-agħar. Illi din assolutament ma kinitx il-mira ta' din il-Qorti meta ddeċidiet li tagħtih din l-opportunita. Jidher li (1) l-imputat mhux qed jiehu da nil-ġest lejh bizzejjed bis-serjeta jew inkella (2) għadu dgħajjef wisq u mhux jirnexxielu jzomm lura mit-tentazzjoni li jerġa jaqa' għad-droga.

Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tippermetti li persuna f'din is-sitwazzjoni tiskonta parti mill-piena tagħha bhala servizz fil-komunita, stante li dan jista' jkun ta' detriment għall-membri oħra tas-soċjeta'.

Illi għalhekk l-imputat ma hux idoneju sabiex jesegwixxi l-Ordni ta' Servizz fil-komunita ai termini tal-imsemmija sentenza. Illi, konsegwentament, din il-Qorti qegħda tirrevoka l-Ordni ta' Servizz fill-komunita li kien inħareġ fil-konfront ta' l-imputat bħala parti minn Ordni ta' Probation u Servizz taħt l-Artikolu 18 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

U ai termini tal-Artikolu 21 (2) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta titratta mal-imputat daqs li kieku għadu kif qed jiġi dikjarat hati minnha illum stess u tikkundannah tnax-il xahar priġunerija sospizi għal tlett snin f'liema zmien l-imputat għandu jsegwi program ta' rijabilitazzjoni mid-droga ma' entita' kompetenti, u tpoggih taħt Ordni ta' Probation għal zmien tlett snin mil-lum.

Illi inolotra', qiegħda ssir referenza għad-deċizjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu,2014, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry,** f'liema deċizjoni l-Qorti tenniet;

F'dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerġa jiġi kundannat għal piena karċerarja oħra fuq reati li huwa ammetta għalihom u li seħħew aktar minn sitt snin wara li ġew kommessi, sejjer ikun qiegħed imur għall-aħjar f'ħajtu, (…)

Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bħall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Hatherley**, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terġa tikkundanna lill-imputat għal piena oħra ta′ priġunerija, bi ħsiebha li tqegħdu that ordni ta′ probation tal-obbligu li l-imputat jiġi segwit barra l-konflini tal-Faċilita Korretiuva ta′ kordin, fejn donnu ma kien tgħallem xejn (…).

Illi għaldaqstant, l-esponenti umilment jissottomwtti illi l-piena erogata fil-konfronti tiegħu hija waħda eċċessiva u sproporzjonata, iktar u iktar meta wieħed jikkonsidra li anke persuni li jkunu reċidivi u pluri riċedivi, jingħataw opportunita ohra.

Illi għal dan il-għan, minn issa l-appellanti qed jirrizerva d-dritt li jressaq xhieda tiegħu, dwar dik li hija piena.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell u dan fis-seduta tat-18 ta′ Lulju 2024.

**Ikkunsidrat,**

Fl-ewwel u l-unika aggravju indikat mill-appellant, huwa jeċċepixxi li l-piena erogata fil-konfront tieghu bhala waħda spropozjonata u eċċessiva. Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant jirrikonoxxi li l-azzjonijiet tiegħu għandhom iwasslu ghal forma ta′ sanzjoni, izda jillanja li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma haditx in konsiderazzjoni ebda fattur li seta′ jimmittiga l-piena.

Il-principju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat. Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti tal-

Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti[1]. Kif gie kristallizzat fis-sentenza fil-kaz **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Mill-banda l-ohra din il-Qorti trid taghmel l-evalwazzjoni u tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar jekk il-Qorti tal-Magistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eccessiva meta wiehed jiehu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza minnha emessa.

Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> *It is clear that the first Court took into account all the miti-gating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*
>
> *"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus,*

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri** 5 ta' Lulju 2002; **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Il-Pulizija vs. Publius Said** 9 ta' Lulju 2003; Ara ukoll, Appell Kriminali Superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler** 26 ta' Frar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Bernard sive Benny Attard** 20 ta' Marzu 2009

*in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Chan-nell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (em-phasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never inter-feres with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nut-tall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dic-tum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the ap-propriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal it-self would have passed."*[2]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **r-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 2005, kjarament tghid illi sabiex din il-Qorti tid-disturba is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel istanza jehtieg illi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet tohrog barra mill-parametri tal-piena jew mizuri applikabbli ghall-kaz.

B'zieda ma dan, din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wayne Zahra** deciza fl-20 ta' Settembru 2022 iriteniet is-segwenti:

*"Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik ilpiena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll ilkunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċes-siva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra lparametri tal-piena li tkun*

[2] Page 1695, para. D23.45

*applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjal-ment komposta fis-sentenza* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** *deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:*

*8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik ilpiena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirri-zultax li* ***l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti im-portanza lil xi aspett partikolari tal-kaz***[3] *(u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

*Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li me-ta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm ilġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha preva-lenti li lQorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis 'anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti'.*

Illi din il-Qorti fliet ukoll il-konsiderazzjonijiet illi l-Ewwel Qorti hadet meta erogat fuq il-piena. Minn ezami tal-artikoli relevanti tal-Kodici Kriminali jirrizulta li l-piena nflitta mill-Qorti talMaġistrati (Malta) bhala Qorti Kriminali tirrientra fil-parametri tal-Ligi u li hija pjuttost wahda li xxaqleb lejn il-minimu legalment pos-sibbli. L-Ewwel Qorti ikkundannat lill-imputat qua appellant ghall-piena ta' erba' (4) snin prigunerija billi tghid illi:

*"Pero din il-Qorti ma tistax tinjora l-gravita u n-natura tal-imputazzjoni li taghhom instab hati l-imputat. Wara li jsiru l-assorbimenti tar-reati u l-pieni skond il-ligi, il-piena minima*

[3] Enfasi tal-Qorti

> *ghal dawn ir-reati hija ta' tlett (3) snin u erba' xhur prigunerija, u l-piena massima hija ta' tminn (8) snin u seba' (7) xhur prigunerija".*

Maghdud dan kollu, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa mhux biss is-sentenza appellata izda anke l-provi migjuba. Kif qalet din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet Il-Pulizja Vs Steven Baldacchino deciza fit-30 ta' Jannar 2024:

> *"Illi wiehed mill-iskopijiet tal-piena huwa li jigi rripristinat it-tessut socjali li jkun gie imcarrat bl-eghmil kriminali ta' dak li jkun. Skop iehor hu li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'eghmilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu nkarccertati w ghalhekk bar-ra miccirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reat gravi, sentenza tibghat messagg car li jservi ta' detterrent generali. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali dejjem iridu jipprovaw isibu bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Jirrizulta li ghall-fini tas-seba' akkuza l-ammont ta' elf ewro inghadda seduta stante mill-appellant lill-parte civile fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2024. In oltre' fl-istess seduta l-parte civile ddikjarat illi ai fini ta' hsarat ikkagunati mit-tminn akkuza, hija thallset mis-socjeta' assiguratrici taghha.

Din il-Qorti rat ukoll li l-fedina penali tal-appellant kienet waħda nadifa.

Din il-Qorti rat ukoll ir-rapporti tal-Ufficjali tal-Probation **Ritianne Sultana Grech**[4] dwar l-andament ta' Bojan Ivaniovijk fejn intqal illi l-appellant dejjem attenda ghall-appuntamenti kif ukoll dejjem kellu imgieba koperattiva fil-konfront taghha, li qed jirregolarizza l-pozizzjoni tax-xoghol tieghu u li t-testijiet li ttihdulu matul s-supervizjoni irrizultaw kollha fin-negattiv ghas-sustanzi tal-Eroina, Kokaina, Cannabis, Amfetamina u Metamfetamina.

[4] Fol. 355 u 366

Illi, ghalhekk tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tilqa' l-aggravju u b'hekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ser tigi varjata.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tiddeċiedi dan l-appell billi:

i) Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabitu hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih; b'dan li fir-rigward tal-imputazzjoni numru 8, l-ammont tal-hsara huwa ta' tlett elef u tminn mitt Euro (€3,800) u mhux ta' sitt elef, tlett mija u sebgħin Euro (€6370).

ii) Thassar is-sentenza appellata f'dik il-parti konċernanti piena ta' erba' (4) snin prigunerija effettiva u minflok tikkundannah ghall-tlett snin u sitt xhur prigunerija effettiva:

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**